MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 4/2003/2

**Casino Employee's Union; u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2004, Tony Zarb u Emanuel Micallef fil-kwalita` taghhom ta' Segretarju Generali tal-General Workers Union in rapprezentanza ta' l-istess Union, assumew l-atti tal-kawza minflok Casino Employee's Union**

**v.**

**Dragonara Casino Limited**

**Il-Qorti:**
Rat li din hi kawza ta' ritrattazzjoni a bazi ta' l-Artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-udjenza tat-23 ta' Gunju 2008, gew sollevati zewg punti ta' natura procedurali, u cioe`, (1) li r-rikors ma giex kawtelat kif irid l-Artikolu 249 tal-Kap. 12 applikabbli ghall-proceduri odjerni bis-sahha ta' l-Artikolu 815 ta' l-istess

Kap. 12; u (2) li t-talba kif proposta hija monka stante li ma ntalbitx ir-rexxissjoni tas-sentenza impunjata;

Wara li saret trattazzjoni ta' dawn id-diffikultajiet fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2008, il-Qorti halliet l-istess kawza ghad-decizjoni fuq dawn iz-zewg punti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi rigward l-ewwel aggravju jirrizulta li bhala fatt ir-rikors ta' l-appell ma giex kawtelat. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-ammont ta' kawtela thallas mal-prezentata ta' l-istess rikors, tant li jidher li giet imhallsa s-somma totali ta' €719.90, inkluz €582.50 bhala *Registry Fee* u €116.47 ghall-prezentata. Dawn il-hlalsijiet, pero`, thallsu konformament mat-tariffi imposti biex jakkompanjaw il-prezentata ta' kull att, u m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-garanzija li ghandha tithallas jumejn qabel id-data stabbilita ghas-smigh ta' l-appell skond l-Artikolu 249 ta' l-istess Kap. 12. Il-hlasijiet li jakkompanjaw il-prezentata tar-rikors huma regolati bit-Tariffa A ta' l-Iskeda A annessa mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), li jistipula, per ezempju, fir-regolament 2(1) il-hlas ta' €116.47 "ghall-prezentata ta' kull petizzjoni, rikors guramentat.....". Ir-regolament 4 imbaghad jikkontempla hlas ta' €582.34 bhala hlas addizzjonali mal-ftuh ta' proceduri fil-Qrati. L-istess Tariffa tipprovdi ghall-hlasijiet ohra li ghandhom jithallsu mal-prezentata ta' kull att, izda dawn m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kawtela li l-ligi trid li tinghata qabel is-smigh.

Ir-rikorrenti kienu jafu li kellhom jaghtu garanzija ghal hlasijiet ulterjuri, tant li mar-rikors ghar-ritrattazzjoni pprezentaw ukoll garanzija personali ta' Gejtu Mercieca. Din , pero`, ma kenitx mehtiega li tinghata, peress kif spjegat din il-Qorti, kolleggjalment komposta, fis-sentenza taghha tat-28 ta' Gunju 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Vella et v. Farrugia et**, il-garanzija llum trid issir bid-depozitu ta' flus sa jumejn qabel ma jibda jinstema' l-appell. Intqal f'dik is-sentenza li,

*"La darba l-Artikolu 815 jitlob li l-garanzija tinghata "skond l-Artikolu 249", mhux mistenni li r-ritrattand, mal-prezentata tar-rikors, jannetti garanzija bankarja jew ta' xi terz iehor, ghax li trid il-ligi hi garanzija skond l-Artikolu 249, u dan l-Artikolu jikkontempla depozitu ta' flus li jista' u ghandu jsir wara li s-somma tkun giet stabbilita mir-registratur, u sa gurnata qabel ma jibda jinstema' il-kaz."* (illum it-terminu hu ta' jumejn qabel is-smigh)

F'dan il-kaz, dan id-depozitu ma sarx, u kwindi l-kawza ta' ritrattazzjoni ghandha titqies li marret dezerta.

Apparti dan, la darba l-kawza hi wahda ta' ritrattazzjoni, kien indispensabbli li ssir talba ghat-thassir tas-sentenza impunjata. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Catania v. C. Stivala & Sons Ltd.**, deciza fl-20 ta' Ottubru 2004, mid-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi jitnissel illi,
"kif drabi ohra osservat, il giudizio di ritrattazione ha un duplice oggetto, quello di far annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato e l'altro di riaprire la trattazione della causa e provocare un'altra sentenza". (**Kollez Vol XXII pIII p235** u **Vol XLVI pI p90**). Dan il-gudizzju hu kompost minn zewg stadji distinti: "rescindente" u "rescissorio". Jekk ma jissemmiex l-ewwel wiehed ma tistax tghaddi ghat-tieni (**Kollez Vol XXIX pII p281**). "Il-ligi ghalhekk trid li qabel xejn tigi mhassra jew revokata in toto s-sentenza impunjata billi minghajr dan it-thassir totali mhux possibbli li l-kawza tigi trattata mill-gdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista' issir it-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sakemm dak it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun ta' ostakolu ghar-riezami tal-kawza" **(Kollez Vol LXIX pII p220**; **Vol XXXIII pI p754**).

Fl-isfond ta' din l-interpretazzjoni uniformi gie ritenur illi, gialadarba "le leggi di ritrattazzione sono di strettissima interpretazione, e non sono suscettivi di interpretazione estensiva ma della sola letterale" (**Kollez Vol XXVI pI p622**), il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' stadju li, ghalkemm indispensabbli ma jinsabx fid-domanda. F'kazi bhal dawn gie dejjem ritenut li l-procediment hu null (**Kollez. Vol XXXIX pIII p894**; **Vol XXI pII p117**)."

Hekk ukoll din il-Qorti kolleggjalment komposta, fil-kawza **Cassar v. Attard**, deciza fit-3 ta' Novembru 2006, osservat inter alia li,
"Mis-suespost jirrizulta kjarament li ma saret ebda talba espressa ghall-fini tar-revoka tas-sentenza li taghha qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni. Dan ifisser li l-appellant qieghed kwindi jippresupponi l-possibilita` li filwaqt li hemm kawza li ghaddiet in gudikat, huwa jista' jitlob li din tigi ritrattata filwaqt li tibqa' fis-sehh id-decizjoni moghtija. Haga bhal din kjarament tammonta ghal spropozitu legali. Huwa ghalhekk inutili ghall-appellant illi jipprova jikkolma, billi jissana, din il-mankanza grossolana tieghu b'lanjanzi fis-sens li l-ewwel Qorti "interpretat b'mod ristrett il-provvedimenti ta' l-Artikolu 811 et seq. tal-Kap. 12"; jew li "mhux minnu illi qabel xejn skond l-eccezzjoni preliminari, l-ewwel trid tithassar is-sentenza moghtija" peress li r-ritrattazzjoni tinkorpora fiha stadji differenti; jew li "fi kwalunkwe kaz it-talba .... tinkorpora fiha nfisha t-talba biex tithassar is-sentenza moghtija skond il-kaz". L-appellant ghandu dritt li jabbraccja fehmiet bhal dawn imma b'daqstant ma jfissirx li ghandu wkoll ragun, u li kieku ha l-briga li jezamina l-ghexieren ta' sentenzi li nghataw minn dawn il-Qrati fuq dan il-punt kien facilment jinduna kemm huwa zbaljat."

Il-ligi taghna tal-procedura, ghalhekk, trid u tesigi li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza impunjata billi minghajr dan it-thassir mhux possibbli li l-kawza tigi trattata mill-gdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista' issir it-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza, billi sakemm dak it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun u tibqa' ta' ostakolu ghar-ri-ezami tal-kawza (ara wkoll **Borg v. Grech et**, deciza minn din il-Qorti, kolleggjalment komposta, fis-27 ta' Gunju, 1949).

F'dan il-kaz, ir-rikorrenti ma talbux li, qabel xejn, din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza li kienet tat fit-12 ta' Dicembru 2007, u l-procediment ghandu, ghalhekk u f'kull kaz, jitqies li hu null.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tar-ritrattazzjoni tal-General Workers Union billi tiddikjara l-istess null u dezert, b'mod li din il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni ta' l-istess.

L-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri jithallsu mir-rikorrenti General Workers Union.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------